Bil-ħidma ta' das-snin
Il-lum l' għalaqt tmenin
Ngħodduk fost l-ewlenin
Fost l-aqwa mill-Maltin.
Jekk proża, vrus, Sur Nin,
Int tajtna wisq tajbin;
Ħajjiet ta' kbar meitin
U xogħlijiet drammin.
Dwar kollox ktibt, Sur Nin,
U la għalaqt tmenin,
Ħbiebek, Maltin, Għawdxin
Qima jagħtuk ħenjin
B'aktar minn xi festin:
Jixtiequ lilek snin
Bis-saħħa kotranin,
Bil-ħidma mimlijin,
Mis-Sema imberkin!

Sliema, 24. 5. 60.



**Is-Sur Nin Cremona. Disinn ta' Adrian Chetcuti.**
(Bil-kortesija ta' "It-Torċa")



## GĦAWDEX IQIM LIL NINU CREMONA

Fil-British Institute, Għawdex, is-Sibt, 28 ta' Mejju, 1960, sar "Soirèe d'Honneur" f'ġieħ is-Sur Nin Cremona. Fost il-imstednin kien hemm preżenti l-Eċċ. Tiegħu Mons. G. Pace, Isqof ta' Għawdex, Chev. E. Cassar, Kummissarju ta' Għawdex u s-Sinjura tiegħu u Dr. A. Tabone, M.D., president tal-Kunsill Ċiviku. Saru diskorsi minn Dr. A. Tabone, Patri Lett. Akkursju Xerri, O.F.M., il-Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) u s-Sur Nin Cremona, u nqraw poeżiji ta' Mary Mejlaq, Mons. J. Farrugia, Dun M. A. Apap, Joe Zammit u Joe Mejlaq.

Myriam Vella msieħba fuq il-pjanu minn Joseph Vella, kantat il-poeżija "Nofs ta' Kelma" ta' Ninu Cremona. Inħadmet ukoll xena mill-"Ecce Homo" tas-Sur Nin, li fiha nstema' l-kor fuq il-mużika tas-Surmast J. Abela Scolaro.

## "HANNIEQA GIZIMIN"
### LIS-SUR NIN CREMONA

*Ta'* Mary Meilak

Nixtieq li fl-isem l-Għaqda u l-Imsieħbin
U l-ħbieb li hawn madwarna miġburin
Jien nagħmel għal dil-festa tat-tmenin
Imħiba hekk kif tixraq lis-Sur Nin.

U l-vers tiegħi jiġu minsuġin
B'tifħir u ġieħ għall-ħidma ta' tant snin
Lil dal-kittieb mill-aktar magħrufin
Filolgu wkoll mill-aqwa fl-istess ħin.

U ismu jibqa' mfakkar u mberkin
Ix-xogħlijiet mn'idejh imħollijin,
Kelmiet u ideat minnu mgħarblin
Għall-Ġnejna Letterarja tal-Maltin.

Nixtieq li l-versi tiegħi lis-Sur Nin
Indommlu bħal ħannieqa ġiżimin.